# Il-Festa ta' Corpus Domini

Alfred Massa

Ftit ġimgħat ilu fid-dinja kattolika kienet iċċelebrata l-festa ta' Corpus Domini; festa li tfakkar fit-twaqqif tal-Ewkaristija. Il-Knisja sa mill-antik tat importanza lil dan l-avveniment li proprjament it-tifkira tiegħu ssir nhar Ħamis ix-Xirka. Fil-fatt, fl-Epistola li tinqara fil-quddiesa dakinhar insibu r-rakkont ta' x'ġara sewwa sew fiċ-Ċenaklu dik il-lejla.



Iżda, peress li f'dawk il-jiem il-Knisja tkun aktar ikkonċentrata fuq il-misteru tal-Passjoni u l-Mewt ta' Kristu, il-Papa Urbanu IV permezz ta' Bolla datata 1264, ordna li l-Ħamis wara l-ottava ta' Pentecoste, il-Knisja universali kellha tibda tiċċelebra l-festa ta' Corpus Christi.

Ta' min jgħid, li f'dawk iż-żminijiet bdew jitfaċċaw diversi eretiċi li ppruvaw iħawdu l-imħuħ dwar il-misteru tal-Ewkaristija. Din kienet raġuni oħra għaliex il-Papa ppubblika l-Bolla msemmija. Iżda ġara li f'dik l-istess sena (1264) il-Papa Urbanu IV miet; b'hekk il-Bolla li kien ħareġ ftit qabel kellha titħalla għal 48 sena sħaħ sakemm fl-1312 ġiet ikkonfermata fil-Konċilju Ġenerali ta' Vjenna.

Kienet u għadha x-xewqa tal-Knisja li fil-festa ta' Corpus il-kattoliċi jimmeditaw fuq il-kobor ta' dan il-misteru li l-Iben t'Alla ried jibqa' magħna moħbi minn għajnejna taħt l-ispeċi tal-ħobż u tal-inbid. Fl-istess ħin il-Knisja ħeġġet biex spiss issir adorazzjoni lis-sagrament tal-Ewkaristija b'turija ta' fidi qawwija u sinċiera. Għax Ġesù barra li ried jibqa' magħna bħala ikel għal ruħna, ried jibqa' magħna anki biex inkunu nistgħu nersqu lejh fit-tabernaklu u nifthu qalbna miegħu. Tajjeb niftakru li l-Ewkaristija barra li tgħaqqadna m'Alla tgħaqqadna wkoll bejnietna.

Hawn jidħol it-twelid ta' sagrament ieħor; dak saċerdotali. Kull saċerdot fil-quddiesa joffri 'l-Iben lill-Missier f'isem dawk preżenti. Dan isir fuq l-amar li Ġesù ta lill-appostli fl-Aħħar Ċena meta qalilhom: *Haec quotiescumque feceritis in mei memoriam facietis* (Agħmlu dan b'tifkira tiegħi).

***Il-Purċissjoni***

Kemm il-Bolla tal-Papa Urbanu IV kif ukoll il-Konċilju ta' Vjenna ma jsemmu xejn dwar il-purċissjoni sagramentali li ssir fil-festa ta' Corpus Domini. Imma fil-Konċilju li sar fl-1324 ġewwa Pariġi mid-dehra li din ġiet suġġerita għaliex ftit wara, ċerti knejjes bdew jorganizzawha u bil-mod il-mod bdiet issir fil-parroċċi kollha.

Aktar tard, imbagħad, fil-Konċilju ta' Trento imsejjaħ mill-Papa Pawlu III fis-seklu sittax ġie stabbilit li fil-festa ta' Corpus Domini ssir purċissjoni bis-SS. Sagrament mat-toroq ewlenin u fil-pjazez ta' kull lokal. Din il-purċissjoni kellha ssir bi tpattija għall-ereżiji li kienu qegħdin jingħadu. Il-Konċilju nsista li din il-purċissjoni kellha tieħu x-xeħta ta' manifestazzjoni pubblika ta' fidi f'dan is-Sagrament; fl-istess waqt il-Konċilju ħeġġeġ lill-kattoliċi biex jieħdu sehem fiha b'mod serju u dinjituż.

B'dan il-mod ir-reverenza lejn l-Ewkaristija kibret u t-tabernaklu sar iċ-ċentru ta' kull knisja. Żdiedu wkoll it-tqarbin, is-smigħ tal-quddies u l-visti lil Ġesù Sagramentat. Bħalma żdiedu l-purċissjonijiet sagramentali. Fil-festa ta' Corpus f'pajjiżna, per eżempju, fi tfuliti niftakar kienu jsiru żewġ puċissjonijiet, waħda filgħodu u oħra wara nofsinhar. Purċissjoni bis-Sagrament, li llum spiċċat, kienet issir matul is-sena kull tielet Ħadd tax-xahar (It-



terza); din kienet issir madwar il-knisja u oħra li għadha ssir nhar il-festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.

### *Kungress Ewkaristiku Internazzjonali*

Biex tissokta tissaħħaħ il-fidi fl-Ewkaristija beda jiġi organizzat Kungress Ewkaristiku Internazzjonali kull erba' snin f'pajjiżi differenti. Dan beda fuq skala żgħira fi Franza fil-belt ta' Lille fuq inizjattiva tal-isqof Mons. Gaston de Sègur fl-1881. Iżda aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, dan il-Kungress issokta jikber u jinxtered, speċjalment wara dak li sar fi Fribourg fl-Iżvizzera fl-1885.

Tajjeb infakru li s-sena l-oħra pajjiżna fakkar il-mitt anniversarju meta dan il-Kungress Ewkaristiku sar f'Malta lejn tmiem April fl-1913. Dak kien l-24 wieħed u biex l-avveniment jibqa' mfakkar fl-1917 kien sar il-Monument sabiħ iddedikat lil Kristu Re li jinsab fil-Furjana, xogħol l-iskultur Antonio Sciortino.

### *Għeluq*

Kontra qalbi nistqarr li l-qima lejn Ġesù Ewkaristija naraha naqset sew f'pajjiżna. Fil-fehma tiegħi ir-raġunijiet huma diversi. Inutli jsiru l-kwarantuni, li jkollok kappella fil-lokali fejn l-Ewkaristija tkun esposta kuljum; għalkemm dawn huma passi fid-direzzjoni t-tajba. Imma mhumiex biżżejjed. Hemm bżonn urġenti li l-poplu kattoliku tagħna jagħraf is-siwi veru ta' dan is-Sagrament.

Ilmentajt diversi drabi fil-gazzetti dwar ċerti nuqqasijiet li jeżistu fil-Knisja Maltija li żgur mhumiex iżidu r-rispett lejn l-Ewkaristija! U hawn mhux il-post adattat fejn nidħol f'polemiki, aktar u aktar meta naf li dawn ma jħallux il-frott mixtieq.



Imma l-fatti jibqgħu fatti. Illum tgħaddi purċissjoni sagaramentali u n-nies tibqa' għaddejja qisu xejn. L-attendenza għall-quddiesa naqset sew. It-tqarbin? U l-vjatku solenni ta' żmien il-Għid? Possibbli li r-raġuni hija biss in-nuqqas ta' saċerdoti jew hemm raġunijiet oħra, fosthom il-materjaliżmu sfrenat li ħasel rikeb fuq bosta individwi?

Nemmen li wasal iż-żmien li l-Knisja teżamina s-sitwazzjoni u tara x'passi tista' tieħu biex l-Ewkaristija żżomm postha bħala l-qofol tar-reliġjon tagħna.

Wara kollox ma ninsewx l-assigurazzjoni tal-Imgħallem meta qalilna: Min jiekol ġismi u jixrob demmi għandu l-ħajja ta' dejjem u jien inqajmu fl-aħħar jum. (Ġw. 6, 54)

